Ħaż-Żabbar
Città Hompesch

**Minuti tat-393 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar il-Erbgħa, 21 ta' Diċembru, 2011**

Il-laqgħa bdiet fis-6.20 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Domenic Agius, ippresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Domenic Agius, il-Viċi-Sindku s-Sur John J Pace u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Mark Grech, is-Sur Joseph Bonnici, is-Sur Keith Pisani u s-Sur Robert Buhagiar.

Is-Sur Kevin Plumpton daħal għal laqgħa fis-7.10 ta' filgħaxija.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buhagiar il-Kunsill qabel unanimament li s-Sinjura Calleja tkun skużata peress illi kienet indisposta.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mil-Viċi Sindku, il-Kunsill approva unanimament il-minuti tat-392 laqgħa.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sur Mark Grech staqsa jekk il-Kunsill kienx kiteb lill-Trasport Malta dwar il-proposta ta' *one way* fi Triq Patri Taddew Schembri. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din l-it-talba kienet intbgħatet lit-Transport Malta.

Is-Sur Grech staqsa ukoll jekk il-Kunsill kienx kiteb lill-Trasport Malta dwar it-talba biex issir *road hump* fi Triq Bajada sabiex titneħħa *road hump* minn Triq ix-Xgħajra. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dawn it-talbiet kienu ser jinbgħatu fil-jiem li ġejjin.

Is-Sur Grech staqsa jekk kienetx waslet l-approvazzjoni għal-żewġ *reserved parking* fil-viċinanzi taż-żewġ skejjel. Is-Segretarju qal li l-Kunsill kien ingħata l-approvazzjoni minn Trasport Malta.

Is-Sur Grech staqsa min kien ser ikellem lill-Kapillan dwar it-talba biex jiġi provdut trasport mill-Kunsill biex ikun jista jitqassam l-ikel tal-Unjoni Ewropeja. Is-Sindku qal li kien ser ikellem personalment lill-Kapillan biex jistaqsi jekk hux lest iqassam l-ikel jekk il-Kunsill jipprovdi it-trasport kif qed jissuġerixxi d-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

Dwar l-isprall ta' ħdejn Villa Labini fi Triq San Ġużepp is-Sur Bonniċi qal li dan kien għadu ma ġiex irranġat.

Is-Sur Bonniċi staqsa jekk kienx tlesta x-xogħol ta' tiżjin quddiem l-entratura taċ-Ċentru Ċiviku. Is-Sindku wieġeb fl-affermattiv.

Is-Sur Pisani staqsa dwar min ser jagħmel kuntatt mal-Perit tal-Kunsill sabiex jingħata parir tekniku dwar il-problema li hemm fi sqaq fi Triq l-Inkurunazzjoni. Is-Sindku qal li kien ser jieħu ħsieb li jkellem lill-Perit u li ssir spezzjoni fuq il-post biex tiġi ndirizzata l-problema.

Is-Sindku ppropona li fil-laqgħa li jmiss jiġi diskuss il-programm ta' xogħolijiet li ser jitwettaq matul is-sena d-dieħla. Is-Sur Pisani issekonda lis-Sindku u issuġerixxa li jsir ukoll programm ta' xogħolijiet għal xahar. Il-Kunsill qabel unanimament li l-programm ta' xogħol ikun item fl-aġenda u jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

Is-Sur Bonnici staqsa jekk kienx inxtara l-madum *non slip* sabiex jitpoġġa fil-kantunieri ta' uħud mill-bankini biex jiġi evitat li dawn ikunu ta' periklu għall-pubbliku. Is-Segretarju qal li dan il-madum kien ser jinxtara fil-ġranet li ġejjin.

Is-Sur Pisani qal li t-tabella tal-*Cul de Sac* f'parti minn Triq Alessio Erardi kienet għada ma twaħħlitx u talab li din titwaħħal fi żmien qasir.

Is-Sur Grech informa l-Kunsill li ż-żebgħa ta' ma' l-art u t-tabella ta' *stop* li saru fi Triq Santa Tereża kienu saru ħażin mill-Kopertattiva tas-Sinjali u Tabelli peress li dawn kellhom jiġu fi Triq l-iskola.

Il-Viċi Sindku informa l-Kunsill li fi Triq Santa Domenica hemm ħofra perikoluża li trid tiġi rranġata.

Item 4 – Minuti tas-Sotto Kumitati

Inqraw il-minuti tas-Sotto Kumitat għall-Anzjani. Dawn ġew approvati unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici.

Item 5 – Korrispondenza

Inqrat Memo 89/2011 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar attivitajiet organizzati mill-Kunsilli Lokali b'risq il-*Malta Community Chest Fund*. Il-Kunsilli Lokali u l-Kumitati Amministrattivi qed jiġu mfakkra li jekk sat-22 ta' Diċembru, il-

Kunsill Lokali mhux ser jipproponi l-ebda attivita' ser jiġi ikkunsidrat li mhux ser jipparteċipaw f'din l-attivita'.

Fis 7.45 Il-Viċi Sindku talab li jkun skużat.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa l-Kunsill li l-kuntratt li l-Kunsill għandu mal-kumpanija *Greenpak* għall-ġbir ta' skart riċiklat kien ser jagħlaq f' Jannar li ġej.

Is-Sur Bonniċi informa lill-Kunsill li kien talab il-Greenpak sabiex jipprovdu l-boroż il-ħodor lir-residenti iżda minkejja l-kampanji ta' edukazzjoni l-Greenpak qed tgħid illi r-residenti Żabbarin ma kienux qed jipparteċipaw kif mistenni fl-iskema ta separazzjoni tal-iskart. Is-Sindku qal illi l-fatt illi mhux qed jingħataw boroż tas-separazzjoni lir-residenti żgur li mhux qed ikun inċentiv biex ir-residenti jiġu mħeġġa jisseparaw kif mixtieq.

Is-Sur Buttigieg qal li f'xi lokalitajiet oħra il-boroż il-ħodor għall-użu tas-separazzjoni tal-iskart kienu qed jerġgħu jitqassmu.

Fuq proposta tas-Sur Buhagiar li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici il-Kunsill qabel li tinġabar informazzjoni dwar dak li qed toffri l-kumpanija Green MT biex b'hekk il-Kunsill ikun jista jevalwa l-possibiltajiet kollha u jkun jista jieħu l-aħjar deċiżjoni.

Is-Sur Grech saħaq fuq l-importanza li tkompli l-kampanija edukattiva biex il-pubbliku jiġi mħeġġeġ jissepara l-iskart.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn il-Kunsill ġie infurmat illi l-allokazzjoni finanzjarja għas-sena finanzjarja 2012 ser tkun ta' €765,432. Dan l-ammont jinkludi wkoll l-allokazzjoni għal Kumitat Amministrattiv St Peter's liema ammont għadu ma ġiex stipulat.

Is-Sur Grech staqsa jekk hux possibli isir resurfacing ta' xi toroq fiż-żona ta' St Peters billi nofs l-ispiża titħallas mill-Kunsill Lokali u n nofs l-ieħor jitħallas mill-fondi ta' St Peter's. Is-Sindku qal li din id-deċiżjoni hija fid-diskrezzjoni tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's. Is-Segretarju nforma l-Kunsill li l-Kumitat ta' St Peter's kien ser jgħamel resurfacing ta' Triq il-Marżepp minn fondi li ingħata taħt skema maħruġa mill-Gvern. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill Kunsill li fis-sena li ġejja l-Kumitat Amministrattiv ta' St Peter's ser ikun jista' japplika wkoll għal għajnuna finanzjarja taħt l-iskema Public Private Partnership biex jiġu resurfaced toroq fiż-żona ta' St Peter's.

Il-Kunsill iddiskuta dwar programm mużikali tal-Milied li ser isir b'kollaborazzjoni mal-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel nhar il-Ħamis 22 ta' Diċembru 2012.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Segretarju Parlamentari Dr Chris Said dwar l-attivita bl-isem ta' l-Ewropa fuq ir-Roti li tikkonsisti f'tour mingħajr ħlas, li jieħdu gruppi ta' Maltin u Għawdxin fuq diversi proġetti li saru jew qed isiru bil finanzjament Ewropew.

Inqrat korrispondenza li ntbgħatet mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-programm rivedut tal-awguri tal-Milied.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-MEPA fejn il-Kunsill ġie nfurmat li l-bilanċ fl-*Urban Improvement Fund* (UIF) sa l-aħħar ta' Novembru 2011 kien ta' €40,278.82.

Is-Sur Sindku ippropona sabiex b'dawn il-fondi il-Kunsill jiżviluppa art tal-Gvern li tinsab f'Buleben iż-Żgħir f'żona ta' rikrejazzjoni. Is-Sur Grech issekonda lis-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sindku ippropona wkoll li jiġu rranġati l-latrini ta' Ħaż-Żabbar biex dawn jiġu aċċessibli għal-persuni b'diżabilita. Is-Sur Pace issekonda lis-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sur Grech issuġerixxa li jekk hu possibli mill-fondi tal-Kunsill isiru x-xogħolijiet ta' resurfacing, filwaqt li mill-flus taħt l-*Urban Improvement Fund* isiru x-xogħolijiet ta' titjib fil-latrini u l-iżvilupp ta' post ta' rekrejazzjoni f'Buleben iż-Żgħir.

Is-Sur Grech issuġġerixxa li l-Kunsill jitlob lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali estenzjoni taż-żmien biex jitlestew ix-xogħolijiet kollha ta' resurfacing li jaqgħu taħt l-iskema tal-*Public Private Partnership* peress illi it-toroq kollha li ser jiġu *resurfaced* kellhom jitlestew fi żmien sena.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar it-tiġdid tal-polza ta' assigurazzjoni ta' saħħa għall-impjegati tal-Kunsill Lokali. Din il-polza tal-assigurazzjoni mal-*Middlesea Insurance plc* għall-ħlas ta' €56 għal kull persuna. Is-Sur Buhagiar ppropona li l-Kunsill iġedded il-polza tal-assigurazzjoni għall-ħaddiema. Is-Sur Bonnici ssekonda l-proposta tas-Sur Buhagiar u l-Kunsill qabel unanimament ma' dan it-tiġdid.

Dwar it-tiġdid tal-polza ta' assigurazzjoni ta' flus il-Kunsill fuq proposta tas-Sur Buhagiar li ġiet issekondata mis-Sur Pisani qabel unanimament li tiġi mġedda din il-polza.

Inqrat stedina mill-Arċipriet u l-Kleru tal-Qala għall-attivita' li ser issir fil-Knisja Parrokjali tal-lokalita' fit-18 ta' Diċembru.

Inqrat stedina mill-Kunsill Malti għall-Isport dwar l-Sport Malta Awards, avveniment sportiv annwali li ser isir nhar is-Sibt 21 ta' Jannar 2012.

Is-Sur Bonnici irrefera għax-xogħol li qed isir mill-kuntrattur Wilson Mifsud li hu responsabbli mill-manutenzjoni u żamma ta' *soft areas* u qal li dan il-kuntrattur kien qed jieħu fit-tul biex jagħmel ix-xogħol mitlub mill-Kunsill. Is-Sur Bonnici talab li l-Kunsill jesiġi li x-xogħol li kellu jsir jitwettaq mingħajr dewmien. Is-Sur Buhagiar ilmenta minn dan il-kuntrattur li f'Misrah is-Sliem ma kienx qed isir ix-xogħol li suppost għandu jsir regolarment.

Il-Kunsill ġie presentat bil programm ta' xogħol ta' Wilson Mifsud għax-xhur Settembru –Novembru 2011.

Is-Sindku qal li kien ser ikellem lis-Sur Wilson Mifsud fil-preżenza mas-Sur Bonnici bħala Kunsillier responsabbli mill-Ambjent u tas-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sur Plumpton issuġerixxa li fil-laqgħa mas-Sur Mifsud ir-rappreżentati tal-Kunsill għandhom jitolbu lill-kuntrattur iħejji programm ta' xogħol u fil-laqgħa li jmiss is-Sindku jinforma l-Kunsill jekk dan ix-xogħol ikunx twettaq jew le. F'każ li l-kuntrattur ma jkunx wettaq dan ix-xogħol il-Kunsill jieħu l-passi kollha li jidhirlu xierqa biex jiġu rimedjati n-nuqqasijiet tal-kuntrattur.

Is-Sur Pisani semma l-possibilta li ssir diskussjoni ma' Kunsilli Lokali oħra li jiffurmaw ir-Reġjun Xlokk biex possibilment ċerti kuntratti jibdew jinħarġu b'mod konġunt bejn numru ta' Kunsilli.

<u>Item 6 – Xogħol tal-Kunsill</u>

<u>Approvazzjoni ta' Finanzi</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill is-*schedule of payments* għall-perjodu ta' bejn it-8 u l-21 ta' Diċembru, 2011 li kien jammonta għal €24,057.31. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici.

<u>*Performance Bonus* tal-impjegati</u>

Fuq proposta tas-Sur Buhagiar li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li l-impjegati klerikali kollha jingħataw il-massimu tal-*performance bonus*. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Plumpton il-Kunsill qabel unanimament ukoll li jirrakomanda lill-Ministru li s-Segretarju Eżekuttiv ukoll jingħata l-massimu tal-*performace bonus*.

Is-Sur Buhagiar issuġerixxa li kull xahar issir laqgħa bejn is-Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv u l-membri tal-istaff biex jiġi diskuss l-andament tax-xogħol u l-operat tal-Kunsill kif ukoll xi diffikultajiet li jista' jkun hemm minn żmien ghal żmien.

<u>Għazla tal-Bord għal ingaġġ ta' Assistent Uffiċjal Prinċipal</u>

Is-Sindku tkellem dwar il-ħtieġa li terġa tinħareġ sejħa għall-ingaġġ ta' Assistent Uffiċjal Prinċipal wara li l-persuna li ftit ilu kienet ingaġġata temmet l-impjieg tagħha mal-Kunsill fil-perjodu tal-probation. Is-Sindku talab ukoll li jinħatar Bord tal-Għażla għal dan l-ingaġġ.

Fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Plumpton il-Kunsill qabel unanimament li jerġa jsir il-proċess għall-ingaġġ ta' Assistent Uffiċjal Prinċipal u li l-

Bord ta' l-Għażla jkun kompost mis-Sindku s-Sur Domenic Agius, mis-Sur Robert Buhagiar u mis-Segretarju Eżekuttiv.

Item 7 – Affarijiet Oħra

Is-Sur Buttigieg tkellem dwar il-manutenzjoni tal-*bus shelters* u qal li uħud minn dawn ma kienux nodfa, mkissra jew mingħajr dawl. Is-Sur Buttigieg qal li fi Triq Wied il-Għajn viċin l-għajn taż-żwiemel l-karozzi tal-linja kienu qed jibqu għaddejja minn quddiem il- *bus stop* peress illi fid-dlam ma kienux qed jaraw lin-nies fil-*bus shelter*.

Is-Sur Buttigieg semma wkoll l-bżonn li tiġi rranġata l-bankina li hemm ħdejn il-K-Optics fi Triq il-Kunvent.

Is-Sur Buttigieg talab sabiex tittella filata ġebel fi Triq il-Fraxxnu. Is-Sindku qal li din il-filata diġa kienet saret iżda sfortunatament ġiet imkissra minn xi vandali.

Fit-8.30 is-Sur Buhagiar talab li jkun skużat.

Is-Sur Buttigieg semma l-bżonn li jinżebgħu mill-ġdid iż-*zebra crossings* li hemm fi Triq is-Santwarju ħdejn il-knisja kif ukoll iż-*zebra crossings* ta' Misrah is-Sliem.

Is-Sur Buttigieg talab li jerġa jitpoġġa bank fiċ-Ċentru Ċiviku minħabba l-anzjani. Is-Sur Buttigieg issuġerixxa ukoll li jitwaħħlu cameras fl-entratura taċ-Ċentru Ċiviku.

Is-Sur Grech talab li jsir *stop sign* fi Triq Santa Tereża.

Is-Sur Bonnici informa l-Kunsill li kien reġa għamel rapport fl-għassa tal-pulizija peress illi l-kumpanija *Hompesch Steel* kienet qed topera l-Ħadd matul il-ħinijiet ta' wara nofsinhar.

Is-Sur Bonnici talab li jiġu rranġati aħjar il-parking bays li hemm fi Triq il-Kunċiżżjoni.

Is-Sur Bonnici talab ukoll sabiex l-*parking bays* li hemm fi Triq il-Fikus isiru fuq in-naħa l-oħra tat-triq.

Is-Sur Bonnici issuġerixxa li l-Kunsill jikteb ittra fil-ġurnal u jikkumenta dwar is-serq ta' ċagħaq minn madwar il-Mina ta' Ħompesch ftit xhur biss wara li tpoġġa.

Is-Sur Bonnici tkellem dwar il-manutenzjoni tal-flats tal-Qasam ta' Djar u talab li ssir pressjoni biex ir-ritmu tax-xogħol mill-kuntrattur jkun wieħed aktar mgħaġġel.

Is-Sur Bonnici semma l-bżonn ta' patching ħdejn il-ħanut K Optics fi Triq il-Kunvent.

Is-Sur Bonnici qal illi kien hemm żewġ *reserved parking bays* fi Triq is-Santwarju ħdejn il-Każin tal-Partit Nazzjonalista u waħda minn dawn ma reġgħetx saret meta t-triq ingħatat it-tarmac. Huwa talab li l-Kunsill jara r-raġuni għaliex din ma saritx.

Is-Sur Buttigieg talab sabiex titneħħa *reserved parking* oħra li hemm fil-viċinanzi tal-Każin tal-Partit Nazzjonalista peress illi min kien juża din il-*parking bay* m'għadux ħaj.

Is-Sur Plumpton qal li kien irċieva lmenti li quddiem ir-residenza Blackbird House fi Triq iż-Żabrella kien qed iżomm ħafna ilma tax-xita. Is-Sur Plumpton talab li din il-problema tiġi ndirizzata fl-iqsar żmien possibli.

Is-Sur Plumpton informa l-Kunsill li fi Triq ta' Wied il-Għajn kienu qed isiru ħafna inċidenti tat-traffiku u r-residenti xtaqu li tinġabar petizzjoni sabiex tiġi nstallata *speed camera*.

Is-Sindku qal li fi Triq Erminia Cilia Abela kien qed jinġabar ħafna ilma tax-xita u għalhekk jeħtieġ li jinstab rimedju għal din il-problema li qed tkun nkonvenjent għal pubbliku.

Il-laqgħa spiċċat fid-9.00 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-394 laqgħa li saret nhar il-Erbgħa, 11 ta' Jannar, 2012.

Domenic Agius
Sindku